**ID-DISA' LEĠISLATURA**

# MINUTI 23

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

Laqgħa Numru 23 Nhar it- Tnejn 16 ta' March , 2026

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil- 4:30pm.

**Preżenti:**

- Neville Chetcuti – Sindku
- Aaron Caruana – Kunsillier
- Martin Vella – Kunsillier
- Joyce Bray – Kunsilliera
- Ralph Mangion – Viċi Sindku

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

- Jessica Borg – Kunsilliera
- Ryan Sciberras – Kunsillier
- Conrad Borg Manche – Kunsillier
- Tania Borg – Kunsilliera

**Assenti:**

Ħadd

**Uffiċjali Preżenti:**

Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

**23.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Preċedenti (Nru 22)**

**23.2.1 Qari tal-Minuti**

Is-Sindku fetaħ is-seduta u talab il-kunsiderazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 22. Peress li l-abbozzi tal-minuti kienu tqassmu minn qabel lill-membri kollha tal-Kunsill, dawn ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Ma sar l-ebda kumment u l-minuti ġew ikkunsidrati korretti.

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 22 ġew approvati.
**Proposta:** Viċi Sindku Ralph Mangion
**Sekondata:** Kunsilliera Joyce Bray
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

**23.3 Skemi**

**23.3.1 Skema SPI/SCI/01/2026 – Skema għall-attivitajiet kulturali annwali 2026**

Il-Kunsill iddeċieda unanimament li ssir attività fix-xatt fis-26 ta' Lulju 2026. Din l-attività tinkludi kant u elementi storiċi relatati mal-Gżira, b'referenza għal Manoel Island u l-Orfeum. Se jkunu organizzati attivitajiet għall-familja kollha b'divertiment u parteċipazzjoni ta' kantanti lokali, kemm stabbiliti kif ukoll ġodda.
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

**23.3.2 Skema SPI/SCI/02/2026 – Lokalitajiet Aktar Nodfa 2026**

Il-Kunsill iddeċieda unanimament li ssir attività ta' tindif (clean-up), kif issir kull sena. Bħas-sena l-oħra, li kienet suċċess, se jinxtraw u jitwaħħlu ballot bins fuq in-naħa l-oħra tal-promenade jew, jekk ma jkunx hemm spazju, fil-viċin tal-bus stop.
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

**23.3.3 Skema SPI/SCI/04/2026 – Finanzjament: Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri**

Il-Kunsill iddeċieda unanimament li jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq l-ispralli li jinsabu fi Triq Nazju Ellul, kantuniera ma' Triq San Ġorġ.
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

**Skema: Minn Pjazza għal Pjazza**
Il-Kunsill iddeċieda li jerġa' japplika għal din l-iskema, minkejja li s-Sindku spjega li jista' jkun diffiċli peress li diġà ntużat is-sena li għaddiet. L-attività proposta se ssir f'żewġ siti storiċi tal-gżira, Manoel Island u l-Orfeum, u tinkludi attivitajiet għall-familja kollha, divertiment u re-enactments.

**23.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**23.4.1** Barrier quddiem id-djar 37/39 fi Triq Carlo Manche – se jiżdied sticker ieħor bin-numru tal-BCRS u servizz gdid li qed joffru
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

**23.4.2** Installazzjoni ta' mera fi Triq Frères, ħdejn l-ħruġ minn Savoy Gardens.
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

**23.4.3** Il-Kunsill iddeċieda li, matul iż-żmien tad-Duluri u l-Ġimgħa Mqaddsa, jitpoġġew slaleb madwar il-knisja, b'nefqa ta' €300.
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

**23.4.4** Is-Sindku informa li se jsir xogħol ta' cables fix-xatt tal-Gżira, min-naħa ta' Tas-Sliema sa Manoel Island, li mistenni jibda dalwaqt.

**23.5 Intervent mal-Accountant**

**23.5.1 Quarterly Financial Report Q4**
Is-Segretarju Eżekuttiv introduċiet lis-Sur Daniel Galea, li spjega s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Huwa qal li l-Kunsill jinsab f'pożizzjoni finanzjarja b'saħħitha, b'working capital ta' €405,567 u Financial Sustainability Index (FSI) ta' 61% (meta mqabbel ma' 34% fl-2024). Huwa faħħar il-ġestjoni finanzjarja u rrakkomanda li jinżamm l-istess pass.
**Anness:** Dok. A1

**23.5.2 Unaudited Annual Report and Financial Statement**
Is-Sur Galea ta spjegazzjoni aktar dettaljata tar-rapport annwali, li huwa simili ħafna għal dak tal-Q4.
**Anness:** Dok. A2

**23.6 Mistoqsijiet u Diskussjonijiet mill-Kunsilliera**

**23.6.1** Il-Viċi Sindku Ralph Mangion irrapporta li hemm ħafna ilmenti dwar grieden fi Triq Edgar Bernard. Is-Sindku wieġeb li diġà nxtraw u tqiegħdu kaxxi apposta.

**23.6.2** Il-Kunsillier Aaron Caruana staqsa dwar żvilupp relatat mal-is-slipway ta' Manoel Island. Is-Sindku wieġeb li jixtieq li jsir simili għal dak tal-Imsida u li jitwaqqaf kumitat marbut mad-dgħajjes.

**23.6.3** Il-Kunsilliera Joyce Bray staqsiet dwar un/loading fi Triq Reggie Miller. Is-Segretarju wieġbet li l-Kunsill bagħat komunikazzjoni lil Transport Malta.

**23.6.4** Diskussjoni dwar it-traffiku fi Triq Rue d'Argens. Ġie konkluż li l-problema mhix it-traffic lights iżda l-ħruġ simultanju tal-karozzi.

**23.6.5** Il-Kunsillier Martin Vella ssuġġerixxa laqgħa ma' Transport Malta dwar problemi ta' un/loading quddiem B&Bs.

**23.7 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlasijiet**

L-Iskeda tal-Ħlasijiet Nru 21/9 ġiet ippreżentata u eżaminata mill-Kunsill.
**Proposta:** Viċi Sindku Ralph Mangion
**Sekondata:** Kunsilliera Joyce Bray
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

**23.8 Tmiem il-Laqgħa**

Is-Sindku kkonkluda l-laqgħa fis-6:00 p.m.
Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa, 20 ta' April 2026, fl-4:30 p.m. fil-boardroom tal-Kunsill Lokali.

**IFFIRMATA:**

| | |
|---|---|
| **Neville Chetcuti** | **Mandy Farrugia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |